**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**Magistrat Dr. Charmaine Galea B.A. LL.D.**

**Rikors Numru 1/20**

**Anthony Deguara**
**Marianne Montanaro**
**Pauline Muscat**
**Leonard Deguara**
**Savio sive Domenic Saviour Deguara**
**Sabina Buhagiar**
**Alexandra Farrugia**

**Vs**

**Keith Perry**

Illum 27 ta' Jannar 2020.

Il-Bord,

Ra r-Rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-8 ta' Jannar 2020 li permezz tieghu gie premess u ntalab is-segwenti:

*"Illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-fond li jgib in-numru 171, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta;*

*Illi r-rikorrenti kkoncedu b'titlu ta' kera l-istess proprjeta' lill-intimat u dan ai termini tal-iskrittura privata li ggib id-data l-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (kopja hawn esebita u mmarkata (A) u dan versu l-kera ta' elf erba' mija u ghaxra euro (euro 1410) fix-xahar bil-quddiem;*

*Illi l-intimat huwa moruz fil-pagament tal-kera ghall-perjodu mill-01 ta' Awwissu 2019 sa 01 ta' Jannar 2020 illi l-ammont dovut ta' kera huwa tmint elef erba' mija u sittin euro (euro 8460);*

*Illi ai termini tal-artikolu sebgha (7) tal-iskrittura privata (Dok A) ir-rikorrenti huma ntitolati jirriprendu l-pussess tal-istess fond qabel l-iskadenza tal-perjodu pattwit "F'kaz ta' morozita' fil-hlas ta' tliet (3) skadenzi ta' kera jew ammont akwivalenti, u jibqghu hekk moruz sa zmien xahar minn meta jigu notifikati b'ittra ufficjali, is-sid ikollu dritt jesigi t-terminazzjoni tal-lokazzjoni bla pregudizzju ghall-arretrati ta' kera lilu dovut;*

*Illi l-intimat kien gie notifikat b'ittra ufficjali datata 29 ta' Ottubru 2019 kif ukoll b'sekwestru;*

*Jghid ghalhekk l-istess intimat ghaliex dan l-Onorabbli Bord m'ghandux*

*1. Jaqta' u jiddeciedi l-kawza ai termini tal-Artiklu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' bid-dispensa tas-smigh tal-kawza*

*2. Jikkundanna lill-inimat ihallas is-somma ta' tmint elef erba' mija u sittin euro (euro 8640); skont kif fuq spjegat rapprezentanti hlas ta' kera bejn Awwissu 2019 sa Jannar 2020 inkluz l-ispejjez tal-kawza u l-ispejjez l-ohra*

*3. Tiddikjara illi l-intimat ma ghandux aktar dritt ta' protezzjoni in okkupazzjoni tal-imsemmi fond*

*4. Jiddikjara xolta l-kirja relattiva u konsegwentement illi l-intimat jokkupa u jiddetjeni l-imsemmi fond minghajr ebda titlu validu fil-ligi*

*5. Tordna l-izgumbrament tal-istess intimat mill-fond proprjeta' tar-rikorrenti u cioe' l-fond 171, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta u dan isir fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi ffissat minn dan il-Bord – kollox skont ma ntqal fuq u ghar-ragunijiet imsemmija.*

*B'riserva ta' kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti u bl-ispejjez dwar l-ittra ufficjali u dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1756/2019 kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni tieghu. "*

Ra d-dikjarazzjoni guramentata;

Rat illi fis-seduta tal-lum deher id-difensur tal-intimat li pprezenta nota ta' ammissjoni tal-istess intimat;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidra:**

Illi mir-rizultanzi processwali rrizulta li r-rikorrenti jikru lill-intimat il-fond 171, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta.

Illi permezz tal-prezenti proceduri r-rikorrenti talbu lil dana l-Bord, *inter alia*, kundanna tal-intimat ghall-hlas ta' arretrati ta' kera u wkoll li jigi ordnat jizgombra mill-imsemmi fond.

Illi wara li l-Bord qies id-dikjarazzjoni guramentata ta' Anthony Deguara, ra l-kuntratt tal-kirja *de quo* u ra l-ammissjoni tal-intimat, huwa tal-fehma illi t-talbiet tar-rikorrenti huma misthoqqa.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti, u ai fini tal-hames talba qieghed jipprefiggi terminu perentorju ta' hamsin (50) gurnata mil-lum biex l-intimat jizgombra mill-fond 171, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta.

Bl-ispejjez kif mitluba, inluz dawk tal-ittra ufficjali Numru 4212/19 u tal-Mandat ta' Sekwestru Numru1746/2019 a karigu tal-intimat.

---

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

---

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**